MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 821/2003

**Maria Theresa sive Marthese Cassar**

**Vs**

**Vincent Farrugia**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas is-somma t'elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura taghha fl-incident awtomobilistiku li gara fil-25 t'April 2001, ghall-habta tat-15.20pm fi Triq il-Belt Valletta, Rabat bejn il-vettura tal-marka Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni GVN 066 misjuqa mill-konvenut Vincent Farrugia u l-vettura Fort Transit bin-numru ta' registrazzjoni IMY 358 misjuqa minn Raymond Farrugia u proprjeta' ta' Maria Theresa sive Marthese Cassar, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba, traskuragni, mperizja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ra r-Risposta ta' Vincent Farrugia fejn eccepixxa li l-incident sehh unikament tort ta' Raymond Farrugia minhabba li hu kien qieghed isuq il-vettura IMY 358 bi traskuragni, negligenza, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa esagerat, stante li jekk is-somma mitluba tirrapprezenta l-valur tal-vettura Ford Transit qabel il-habta, u dan skond ir-rapport ipprezentat ma' l-Avviz, *se mai* dan l-ammont ghandu jitnaqqas bil-valur tal-fdal tal-vettura wara l-habta.

Ra r-*Road Accident Report* u s-*Survey Report* li gew esebiti mal-prezentata ta' l-Avviz.

Ra x-xhieda traskritta ta' Marthese Cassar, Raymond Farrugia, Natalino Agius, PS 1212 Carmel Zerafa u Colette Farrugia.

Sema' x-xhieda ta' Vincent Farrugia, Raymond Farrugia, Robert Farrugia u John Gauci.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tikkoncerna kollizjoni bejn zewg vetturi fi Triq Valletta, Rabat. Il-karozza misjuqa mill-konvenut kienet tiela' t-tela' li taghti ghar-Rabat filwaqt li l-vettura misjuqa minn Raymond Farrugia, proprjeta' ta' l-attrici, li hija *mini bus*, kienet niezla l-istess tela'. Z-zewg vetturi habtu frontalment u ghalhekk huwa ta' mportanza ghad-determinazzjoni korretta ta' min kien responsabbli ghall-incident biex jigi stabbilit jekk xi wiehed miz-zewg sewwieqa kienx *wrong side* u x'kienet il-kawza prossima ta' l-incident in kwistjoni.

Illi z-zewg nahat tat-triq huma separati b'*double white lines* u ghalhekk mhuwiex premess li vettura taqbez ghall-karreggjata opposta.

L-i*sketch* esebit a fol 9 tal-process juri li l-vettura tal-konvenut kienet *on the crown of the road* filwaqt li l-vettura ta' l-attrici qieghdha in parti fuq in-naha tax-xellug tat-triq u l-parti ta' quddiem qieghdha wkoll *on the crown of the road* b'mod li z-zewg vetturi habtu frontalment.

Is-Surgent imbaghad ipproceda biex esebixxa *sketch* differenti minn dak originarjament esebit u dan it-tieni *sketch* jinsab esebit a fol 27 tal-process. Il-pozizzjoni tal-vetturi fuq it-triq baqghet l-istess izda huwa kkorrega l-mod kif gew impingija d-*double white lines* fl-ewwel *sketch*.

Il-konvenut esebixxa *sketch ex parte* li jinsab a fol 46 tal-process izda t-Tribunal jirrileva li dan l-i*sketch* mhuwiex wiehed ufficjali izda huwa *ex parte* u ma jirriflettix l-i*sketch* ufficjali tal-pulizija. Ta' min jinnota li fl-i*sketch* esebit mill-konvenut it-triq hija wiesa' ma' l-erbatax il-metru (14m) mentri minn ezami ta' l-i*sketch* esebit mis-Surgent, jekk wiehed iqis li dan huwa ta' skala 1cm : 1m, kif anke xehed s-Surgent, it-triq hija wiesa' xi tmien metri u nofs (8.5m). Ta' min jirrileva wkoll illi minn ezami ta' l-i*sketch* esebit mill-konvenut, fil-parti iktar 'il fuq vicin il-kliem *uphill* fuq l-istess *sketch*, il-wisa' tat-triq hija bejn wiehed u iehor tmien metri u nofs (8.5m) li huwa bejn wiehed u iehor l-istess wisa' tat-triq ta' l-i*sketch* tal-pulizija.

Inoltre minn ezami tar-ritratt VF3 esebit mill-konvenut, fil-parti fejn hemm il-fetha tal-garages, il-linji fin-nofs tat-triq huma kontinwi fuq naha u intermittent fuq l-ohra. Huwa tassew relevanti illi jekk wiehed iqabbel dan ir-ritratt mal-i*sketch* esebit mill-konvenut isib li fil-parti fejn huwa pinga l-vetturi, l-linji tat-triq huma kif indikati fir-ritratt VF3. Izda fir-ritratt VF1 u VF2 fejn il-konvenut ighid li sehh l-incident, il-linji huma *double white lines*. Illi ghalhekk ma jistax ikun li l-kollizjoni sehhet fil-parti tat-triq fejn ighid il-konvenut.

Illi t-Tribunal jidhirlu li huwa relevanti li jigi kwotat dak li qalu z-zewg sewwieqa lis-Surgent a tempo vergine kif rapportat fl-okkorrenza:

*Car no. GVN 066 (Vincent Farrugia)*

*"The driver of car number GVN 066 stated that he was driving his vehicle along Triq il-Belt Valletta, Rabat, from the direction of Valletta towards Rabat, at a moderate speed and on the proper side of the road. On arriving at a certain point, he did not know what happened, just what he remembered is, that he saw the other vehicle number IMY 358, which was being driven along said road but from the opposite direction, facing his vehicle. He applied the brakes and swerved to his left to avoid a collision but to no avail, as both vehicles collided facing each other."*

*Car no. IMY 358 (Raymond Farrugia)*

*"The driver of vehicle IMY 358 stated that he was driving his vehicle along Triq il-Belt Valletta, Rabat, from the direction of Rabat towards Valletta, at a moderate speed and on the proper side of the road, all of a sudden, he observed the other vehicle number GVN 066, which was being driven along said street but from the opposite direction, crossing the double white lines, came on his side and continued being driven to his direction. At first he thought that the other vehicle was going to enter into a garage situated thereat, styled "E.G. Workshop". So he swerved a little to his right side to give him way to enter into said garage and sounded the horn to bring the attention of the other driver. Then, all of a sudden, the other vehicle swerves to the left side to enter into his side and consequently both vehicles collided facing each other."*

It-Tribunal jidhirlu illi filwaqt li x-xhieda moghtija mis-sewwieq tal-vettura ta' l-attrici, Raymond Farrugia baqghet konsistenti fid-darbtejn li huwa xehed quddiem dan it-Tribunal, l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tax-xhieda tal-konvenut Vincent Farrugia. Fil-verzjoni li ta lis-Surgent, Vincent Farrugia qal li ezattament ma kienx jaf x'gara u dan fih innifsu juri disattenzjoni. Meta xehed f'dawn l-atti huwa qal li fil-fatt kien ghaddej ghall-affari tieghu meta f'daqqa wahda l-karozza ta' l-attrici giet *wrong*

*side* u ghalhekk hu kiser lejn ix-xellug biex jevitaha. Din ix-xhieda tal-konvenut m'hijiex vero simili u ma tistax tigi accettata u mill-parti l-ohra x-xhieda moghtija minn Raymond Farrugia tikkombacja perfettament kemm mal-verzjoni li huwa ta lis-Surgent dak il-hin ta' l-incident, kif ukoll mal-pozizzjoni kif spiccaw il-vetturi wara l-incident u kif riflessi fl-i*sketch* ufficjali tal-Pulizija.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Socjeta' Citadel Insurance p.l.c. Vs Alan Muscat" (P.A. (RCP) 25 ta' Mejju 2000):**

*"Wiehed irid ihares dejjem lejn il-principji…stabbiliti dwar id-dritta tat-triq u ghar-regolamenti tat-traffiku u ghalkemm tali regoli m'humiex ligi, xorta huma ndizzjali ghall-sewqan prudenti, li l-ewwel konsiderazzjoni taghhom mhux li jistabbilixxu dritta, izda sabiex tigi stabbilita ordni fis-sewqan, bazilari ghal certu grad ta' sikurezza fuq it-toroq taghna."*

Fil-post fejn proprju gara l-incident, il-konvenut bl-ebda mod ma kellu d-dritt li jsuq *wrong side* u jimblokka l-karreggjata tal-konvenut. Huwa evidenti wkoll li fil-hin ta' l-incident il-konvenut ma kienx qed izomm *proper look out,* u, filwaqt li pogga ruhu f'*self inflicted incapacity* sabiex jevita' l-istess incident, holoq *sudden emergency* lil Raymond Farrugia li kien qed isuq l-vettura ta' l-attrici.

Raymond Farrugia, li kien qed isuq il-*minibus*, gie rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni kien gustifikat li jahseb li l-istess konvenut kien ser jidhol lejn l-E.G. Workshop indikat minnu lill-Pulizija. Ghalhekk huwa fic-cirkostanzi gibed 'il barra u daqq il-horn biex jattira l-attenzjoni tal-konvenut billi evidentement il-konvenut m'attendiex x'kien qed jigri. F'daqqa wahda l-konvenut intebah li kienet gejja *minibus* u minflok ma baqa' jikser lejn il-lemin tieghu, cjoe' lejn l-E.G. Workshop kiser lejn ix-xellug tieghu, (u mhux kif xehed f'dawn l-atti) u b'hekk habtu z-zewg vetturi.

Kif inghad fis-sentenza **"Alexander Bartolo Vs Kalcedon Micallef" (P.A. 16 ta' Frar 1972)**:

*"Illi l-fatt li l-attur ma rnexxielux jevita l-kollizjoni m'ghandux jigi mehud kontra tieghu stante li huwa kien iffacjat b' "sudden emergency" u mhux kull persuna f'mument tali tista' tagixxi bilfors b'mod perfett u f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal fis-sentenza* ***"Paul Deguara Vs Raymond Chilton" mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 1988 (LXXII.ii.181)*** *u cjoe':*

*"Fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra errata li ghamel, l-attur* (f'dan il-kaz il-konvenut) *ikkrea "a sudden emergency" lill-konvenut (*f'dan il-kaz l-attur) *li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' "evasive action". Din il-Qorti gja' kellha okkazjoni ohra fejn ippronunzjat ruhha f'kaz simili dwar l-implikazzjonijiet legali nvoluti (ara* ***"John Debattista Vs Maria Theresa Vella et" deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Novembru 1987****). Inutili li wiehed joqghod ighid kif imissha rreagixxiet persuna li kienet involuta f'kollizjoni meta tkun rinfaccjata b' "sudden emergency" ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirreagixxi l-istess fl-istess cirkostanzi. F'dan il-kaz, wiehed jista' jghid li, kieku ma kienetx il-manuvra errata tal-konvenut il-kollizzjoni ma kienetx issir.… … … … Li gara f'dan il-kaz huwa li s-sewqan hazin tal-konvenut ikkrea sitwazzjoni tali li s-sewwieq l-iehor ma setax jevita l-habta bl-"evasive action" li ha."*

Il-kawza prossima ta' l-incident indibutament kien is-sewqan tal-konvenut li ma kienx qed izomm *proper lookout* u li, kontra kull ragunament u logika, kien qed isuq *wrong side* u b'hekk pogga ruhu f'*self inflicted incapacity* biex jevita l-incident u holoq emergenza lil Raymond Farrugia. Dan pprova jiehu *evasive action* izda bla success. Certament it-Tribunal ma jistax jikkritika l-*evasive action* li ha l-istess Raymond Farrugia u dan billi jidher car illi kieku m'ghamilx hekk, il-karozzi kienu jahbtu

aktar frontalment bil-possibbilta’ li l-konsegwenzi personali taz-zewg sewwieqa setghu jkunu aktar gravi.

Ghar-rigward tal-*quantum*, fl-istadju inizjali tal-kawza l-attrici pprezentat *Survey Report* ta’ Natalino Agius li minnu jirrizulta li *the pre-accident value* tal-vettura huwa t’elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600) u r-*wreck* value huwa ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm 250). Il-hsarat kienu estensivi tant illi l-*labour* wahdu gie stmat ghal sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670) filwaqt li l-*estimated value* tal-*parts* kienu t’elf lira Maltin (Lm1,000) u ghalhekk l-attrici qieset li l-vettura kienet *beyond economical repair* u fil-fatt inbieghet f’dak l-istat flimkien mal-licenzja relattiva

A bazi ta’ l-imsemmi rapport, il-valur korrett tad-danni ghandu jkun t’elf tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm1,350) u mhux t’elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) kif mitlub fl-Avviz tat-talba u f’dan ir-rigward it-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija in parti gustifikata.

Waqt it-trattazzjoni l-avukat difensur tal-konvenut semmiet illi l-attrici possibilment m’ghandhiex interess guridiku stante illi gie allegat li ma kienetx is-sid li sukkombiet id-danni. T-Tribunal jidhirlu li ghalkemm din l-eccezzjoni ma gietx formalment imressqa, huwa qed jiehu kundizzjoni taghha u qieghed pero’ jichadha u dan billi, kif jirrizulta mir-*Road Accident Report*, l-attrici hija s-sid tal-vettura u bhala tali ghandha kull dritt tipprezenta l-azzjoni in kwistjoni u dan indipendentament mir-relazzjonijiet interni bejnha u l-imsemmi Raymond Farrugia.

Ghal din ir-raguni t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fuq ir-responsabbilta’ u jiddeciedi li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament tort tal-konvenut, qieghed jilqa’ in parti l-eccezzjoni dwar il-*quantum* u jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma t’elf tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm1,350) u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma t’elf tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm1,350) bl-interessi kif mitluba. Minhabba t-temperament fuq il-*quantum*, l-ispejjez ikunu kwantu ghal

ghaxra fil-mija (10%) ghall-attrici u disghin fil-mija (90%) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------